



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 20 ta' Novembru 2018  
(OR. en)

13816/18

---

Fajl Interistituzzjonal:  
2018/0334 (NLE)

---

FISC 433  
ECOFIN 1006

## ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

---

Suġġett: DEĊIJONI TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza lir-Renju Unit japplika miżura speċjal li tidderoga mill-Artikoli 16 u 168 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

---

## **DEĊIJONI TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/...**

**ta' ...**

**li tawtorizza lir-Renju Unit japplika miżura speċjali  
li tidderoga mill-Artikoli 16 u 168 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE  
dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud**

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,**

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 395(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

---

<sup>1</sup> ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/659/KE<sup>1</sup> awtorizzat lir-Renju Unit biex japplika miżura speċjali ta' simplifikazzjoni (il-"miżura") sabiex, abbażi ta' rata fissa, jiddetermina l-proporzjon tat-taxxa fuq il-valur miżjud (il-VAT) mhux deduċibbli marbut mal-infiq tal-karburant għall-vetturi kummerċjali li ma jintużawx esklussivament għal skopijiet kummerċjali. Is-sistema, li hija fakultattiva għall-persuni taxxabbi, hija bbażata fuq il-livell tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju (CO<sub>2</sub>) mill-karozza, peress li hemm korrelazzjoni proporzjonali bejn l-emissjoniet u l-konsum tal-karburant u, għalhekk, mal-infiq fuq il-karburant.
- (2) Id-Deċiżjoni 2006/659/KE ġiet sostitwita bid-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2109<sup>2</sup>, li ser tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2018.
- (3) Permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fis-27 ta' April 2018, ir-Renju Unit talab l-awtorizzazzjoni biex ikompli japplika l-miżura sal-31 ta' Diċembru 2020.

---

<sup>1</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/659/KE tal-25 ta' Settembru 2006 li tawtorizza lir-Renju Unit biex jintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikoli 5(6) u 11(A)(1)(b) tad-Direttiva 77/388/KEE dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-taxxi fuq it-turnover (ĠU L 272, 3.10.2006, p. 15).

<sup>2</sup> Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2109 tas-17 ta' Novembru 2015 li tawtorizza lir-Renju Unit biex japplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikoli 26(1)(a), 168 u 168a tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 305, 21.11.2015, p. 49).

- (4) Il-Kummissjoni għarrfet lill-Istati Membri l-oħra bit-talba li saret mir-Renju Unit f'ittra datata l-11 ta' Ġunju 2018. B'ittra datata t-12 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni għarrfet lir-Renju Unit li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tqis it-talba.
- (5) Kif mitlub mill-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni (UE) 2015/2109, ir-Renju Unit ressaq rapport dwar il-funzjonament tal-miżura speċjali. Skont ir-Renju Unit, l-arrangġament wassal għas-simplifikazzjoni tal-proċedura għall-ġbir tal-VAT f'rabta mal-infiq għall-karburant għall-karozzi kummerċjali, u dan kemm għall-persuni taxxabbli kif ukoll għall-amministrazzjoni tat-taxxa.
- (6) Għalhekk, jixraq li r-Renju Unit jiġi awtorizzat japplika l-miżura sal-31 ta' Diċembru 2020.
- (7) Il-miżura li tidderoga mhu ser ikollha l-ebda impatt negattiv fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni li jirriżultaw mill-VAT,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

B'deroga mill-Artikoli 16 u 168 tad-Direttiva 2006/112/KE, ir-Renju Unit huwa awtorizzat mill-1 ta' Jannar 2019 sal-31 ta' Diċembru 2020 li jiffissa fuq bażi ta' rata fissa l-proporzjon tal-VAT relatata mal-infıq għall-karburant użat għal skopijiet privati għall-karozzi kummerċjali.

### *Artikolu 2*

Il-proporzjon tat-taxxa msemmi fl-Artikolu 1 għandu jiġi espress f'ammonti fissi, stabbiliti fuq il-bażi tal-livell ta' emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> tat-tip ta' vettura, li jirriflettu l-konsum tal-karburant. Ir-Renju Unit għandu jaġġusta dawk l-ammonti fissi annwalment biex jirrifletti l-bidliet fil-kost medju tal-karburant.

### *Artikolu 3*

Is-sistema stabbilita fuq il-bażi ta' din id-Direttiva għandha tkun fakultattiva għall-persuni taxxabbi.

### *Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*